# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 9**

**Rikors numru 9/13 JVC**

**Giacinta Debono**

**v.**

**Carmela Buttigieg, Saviour Buttigieg**
**u Loreto Buttigieg**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-attriċi Giacinta Debono mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tat-28 ta' Ġunju 2016, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati, u tilqa' t-talbiet tagħha. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuti appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

"Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ppremettiet:-

"1. Illi l-attrici ghandha fil-pussess taghha ghar illi jifforma parti mid-dar residenzjali taghha u cioe 19, Pjazza Madonna ta' Loreto, Ghajnsielem, Ghawdex u li in parti jinsab sottopost ghall-proprjeta' tal-konvenuti;

"2. Illi dan l-ghar huwa proprjeta' tal-attrici u ilu fil-pussess esklussiv tal-attrici u tal-predecessuri fit-titolu taghha ghal snin twal u hadd iktar ma kellu jew ghandu t-tgawdija ta' dan l-ghar;

"3. Illi l-unika bokka u entratura li hemm ghal dan l-ghar jinsab interament fil-propjeta' tal-attrici;

"4. Illi fil-jiem ta' qabel it-tmienja (8) ta' Dicembru elfejn u tnax (2012) il-konvenuti jew terzi nkarigati minnhom messew l-art li tigi fuq l-ghar u propjament fit-tmienja (8) ta' Dicembru elfejn u tnax (2012), il-konvenuti jew terzi nkarigati minnhom kissru ix-xorok li kienu jservu bhala saqaf tal-ghar imsemmi u dan sabiex joholqu bokka ghad-detriment tad-drittijiet tal-attrici u kif ukoll tefghu mbarazz gewwa l-istess ghar;

"5. Illi dawn l-atti kommessi da parti tal-konvenuta fit-8 ta' Dicembru 2012 jikkostitwixxu spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-attrici;

"6. Illi meta l-attrici ndunat b'dan ix-xoghol hija marret taghmel rapport fl-ghassa tal-Pulizija tal-Imgarr, Ghawdex;

"7. Illi in oltre fis-7 ta' Dicembru 2012 meta l-konvenuta kienet diga' bdiet tipprova tisfronda l-ghar l-attrici nterpellat lill-konvenuta u sussegwentament wara li sfronda l-ghar l-attrici regghet interpellat lill-konvenuta sabiex tisporgi dan l-ispoll permezz ta' ittra nterpellatorja datata 17 ta' Dicembru 2012 [kopja ta' dawn l-ittri qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti 'A' u 'B'] izda l-konvenuta baqghet inadempjenti;

"Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll vjolenti u klandestin meta fit-8 ta' Dicembru 2012 huma personalment jew permezz ta' terzi ghamlu xoghlijiet li permezz taghhom ghamlu bokka fuq is-saqaf tal-ghar, ikkagunaw hsarat

strutturali fil-ghar fil-pussess tal-attrici u tefghu mbarazz fl-istess ghar;

“2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti regghu kollox lura ghall-istat pristinu tieghu qabel il-kommissjoni ta’ dan l-ispoll;

“3. Fin-nuqqas jawtorizza lill-attrici sabiex taghmel hija dawk ix-xoghlijiet necessarji a spejjez tal-konvenuti, u taht id-direzzjoni ta’ perit nominand.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri nterpellatorji tas-7 ta’ Dicembru 2012 u tas-17 ta’ Dicembru 2012 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn ghas-subizzjoni.

“Bir-rizerva ta’ kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attrici kontra l-istess konvenuti.

“Rat ir-risposta guramentata fejn il-konvenuti eccepew:

“1. Illi l-pretensjonijiet ta’ l-attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt;

“2. Illi fl-ewwel lok, ma jirrizultax li l-attrici kellha l-pussess ta’ tali ghar tant illi lanqas biss kien inkluz fil-pjanti ghall-izvilupp sottomessi minnha stess lill-MEPA;

“3. Illi finalment u dana dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti qatt ma kkommettew ebda azzjonijiet minn dawn li l-attrici qeghdha tipprova timputa lilhom. Ghall-kuntrarju, l-ghar de quo sfronda per konsegwenza ta’ xoghlijiet li kienet wettaq l-attrici jew persuni nkarigati minnha fuq il-hajt divizorju li jifred il-proprjetajiet de quo, u l-attrici mbaghad ippruvat tinqeda b’dawn il-fatti taghha stess sabiex tivvanta pretensjonijiet ingustifikati u bla ebda bazi fuq is-sottoswol tal-proprjeta’ tal-esponenti.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

“Rat illi fil-verbal tat-28 ta’ Jannar, 2016 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta’ li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

“Rat id-dokumenti, affidavits, xhieda u l-atti kollha;

"Rat ukoll l-atti tal-kawza 31/2013 stante li bosta mix-xhieda gew riportati fiz-zewg kawzi u saret ukoll referenza lilhom ghal dokumentazzjoni u ritratti esebiti jew fil-kawza odjerna jew f'dik bin-numru 31/2013 b'tali mod li bdiet issir referenza waqt ix-xhieda ghall-atti taz-zewg kawzi bi qbil bejn il-partijiet;

"Wettqet access fuq il-post nhar it-12 ta' Marzu, 2015.

"Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

"Rat l-atti kollha.

**"Ikkunsidrat**

"Illi din hija kawza ta' spoll privileggat fejn l-attrici qed issostni li mill-proprjeta' taghha li ggib l-indirizz 19, Pjazza, Madonna ta' Loreto, Ghajniselem, Ghawdex hija ghandha l-pussess ta' ghar li jigi fil-parti l-kbira tieghu jekk mhux kollu taht art jew ahjar gnien proprjeta' tal-konvenuti u li quddiemu l-konvenuti ghandhom ukoll proprjeta' taghhom li ggib l-indirizz 1, Triq il-Gnien, Ghajnsielem. Jirrizulta li dawn iz-zewg proprjetajiet imissu ma' xulxin min-naha ta' wara taghhom. L-attrici ssostni li nhar it-8 ta' Dicembru, 2012 il-konvenuti jew terzi nkarigati minnhom messew l-art li tigi fil-gnien taghhom b'tali mod li huma 'kissru ix-xorok li kienu jservu bhala saqaf tal-ghar imsemmi u dan sabiex joholqu bokka ghad-detriment tad-drittijiet tal-attrici u kif ukoll tefghu mbarazz gewwa l-istess ghar.' L-attrici tghid li dan l-ghar ilu fil-pussess taghha sa minn meta twieldet fid-dar in kwistjoni u qabel fil-pussess tal-genituri taghha. Issostni wkoll li baghtet zewg ittri legali lill-konvenuti biex jirripristinaw l-ghar kif kien datati 7 ta' Dicembru, 2012 u 17 ta' Dicembru, 2012 izda baqghu nadempjenti u ghalhekk fethet il-kawza. Ghalkemm jissemma' li kienet intbaghtet risposta ghal dawn l-ittri mill-konvenuti, kopja ta' din l-ittra responsiva qatt ma giet esebita fl-atti.

"Da parti taghhom il-konvenuti jirrespingu l-pretensjonijiet kolha tal-attrici, isostnu li mhux minnu li l-attrici kellha l-pussess tal-ghar in kwistjoni fil-mument li sehh l-ispoll tant illi ma nkluditux fil-pjanti tal-MEPA qabel Mejju 2013 u cioe' xhur wara li nfethet il-kawza tal-ispoll, jichdu li wettqu xi xoghlijiet sabiex fethu l-ghar min-naha tal-proprjeta' taghhom izda jsostnu li jekk sfronda dan sar bix-xoghlijiet ta' skavar u zvilupp li l-attrici stess ghamlet fil-proprjeta' taghha. Fil-mori tal-kawza rrizulta li certu Jonathan Borg dahal f'konvenju mal-konvenuti sabiex jixtri l-proprjeta' in kwistjoni (ghalkemm kopja tal-konvenju qatt ma giet esebita nonostante li obbliga ruhu li jaghmel dan). Huwa jammetti li kien hemm zmien fejn huwa ressaq xi haxix u mbarazz mill-gnien proprjeta' tal-konvenuti izda ma ghamel l-ebda tahmil. Jghid li meta mar hu l-bokka tal-ghar u cioe' l-ghar gia kien jidher min-naha tal-proprjeta' tal-konvenuti u l-unika haga li ghamel hu kien li naddaf dak li kien hemm.

"Illi l-bokka ghall-ghar in kwistjoni tidher fir-ritratti a fol. 69 sa' 75 tal-process odjern esebiti minn Jonathan Borg izda mehuda mill-Avukat Joseph Grech dakinhar stess li sar access minn din il-Qorti diversament preseduta fl-atti tal-mandat 10/2013 nhar it-2 ta' Mejju, 2013.

**"Bazi legali tal-ispoll:**

"Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

> ""Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."

"Illi skont l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

"L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

"Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

> *""L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti."*

"Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

"Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

> *""L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat."*

"Illi kif ukoll gie ritenut:

> *""Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni ohra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u napplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna."* (Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

"Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

> *""All'attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..."*[2]

"Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

"Spoll vjolent u abbusiv:

> *""jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata"*[4]

"u

> *""neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto."*[5]

"Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anki qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

"Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*
[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

*""dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti ndipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le."*

"Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*""Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

"Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*""Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn."*

"(MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Ċivili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

"Illi f'sentenza moghtija minn din l-istess Qorti nhar it-8 ta' Marzu, 2016 fl-ismijiet Kenneth Cutajar vs. Lawrence Attard (60/2013) (li ghalkemm tinsab pendenti fl-appell il-gurisprudenza kkwotata hija rilevanti ghall-kaz odjen ukoll) gie deciz kif isegwi:

*""Gia minn dak suespost il-Qorti tinnota li l-istess attur fis-sottomissjonijiet tieghu, anki wara l-gbir tal-provi kollha, baqa' ma identifikax min fil-fatt wettaq l-allegat att ta' spoll. Jibqa' jsostni izda li l-fatti cikrostanzjali ghandhom iwasslu lil din il-Qorti fejn ma wasalx l-istess attur u cioe' sabiex ikollha l-konvinciment morali li ma seta' kien hadd ghajr Lawrence Attard jew xi hadd iehor mill-konvenuti.*

*"Da parti taghhom dwar l-element tal-ispoll il-konvenuti Attard isostnu kif isegwi:*

> *""L-element ta' pussess li huwa rikjest ghall-fini ta' azzjoni ta' spoll ma jistax jinghad li ma jezistix f'dan il-kaz. Jirrizulta effettivament li sew legalment jew le, l-attur Cutajar kellu l-pussess ta' l-extractor fan in kwistjoni, peress li dan kien ikun imqabbad mill-istess Cutajar u kien ikun mixghul lejl u nhar. Jirrizulta wkoll it-tielet element rikjest, fis-sens li din l-azzjoni ta' spoll saret fi zmien xahrejn minn meta allegatament sehh l-ispoll.*
>
> *"Madanakollu, huwa sottomess li t-tieni element sabiex tirnexxi azzjoni ta' spoll, u cioe' is-Spoliatum fuisse, ma giex f'dan il-kaz pruvat. Fir-*

> *rigward ta' dan il-punt, gie enunzjat fil-gurisprudenza nostrana illi sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' kawza ta' spoll, irid, fost ohrajn, jigi ppruvat, li l-azzjoni in ezami saret mill-konvenut/i u saret b'mod arbitrarju u/jew illegali u dana a skapitu ta' l-istess attur."*

*"L-istess sottomissjonijiet fir-rigward tal-element tal-ispoliatum fuisse saru mill-konvenut Sultana.*

*"Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-partijiet kemm ghal dak li huwa element tal-pussess kif ukoll tat-terminu tax-xahrejn. Ma hemmx dubju u mhux kontestat li sa dakinhar tal-allegat spoll cioe' l-20 ta'Awissu, 2013 l-attur kellu l-pussess effettiv tal-'extractor' in kwistjoni u stante li l-kawza odjerna giet intavolata fit-23 ta' Awissu, 2013, cioe' tlett ijiem wara, huwa evidenti li din dahlet entro t-terminu tax-xaharejn mpost mil-ligi.*

*"Illi izda l-artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi wkoll li jigi sodisfatt l-element tal-'ispoliatum fuisse' liema element ma jikkonsistix biss fil-fatt per se u cioe' li f'dan il-kaz inqala' l-'extractor' minn postu izda li l-azzjoni tal-ispoll tigi diretta lejn l-awtur tal-ispoll. Gia nghad aktar 'il fuq li ma tressqu l-ebda provi li juru b'mod dirett min wettaq l-allegat spoll. It-tezi tal-attur tistrieh fuq l-hekk imsejha provi cirkostanzjali fejn isostni li ghaliex skont hu Lawrence Attard kien miggieled mieghu u dejjem bit-tikketta mieghu u ghaliex Lawrence Attard kien prezenti fl-appartamenti dak in-nhar filghodu allura bilfors hu li ghamel dan l-att. Dan dejjem skond dak li jsostni l-attur. L-attur izda fix-xhieda tieghu ma jinstemax daqshekk cert li kien Lawrence Attard ghaliex filli jsostni li ma seta kien hadd ghajr Lawrence Attard (ara fol. 175) li ghamel l-att izda f'parti ohra jsostni li huwa ghamel il-kawza kontra s-sidien kollha sabiex zgur jolqot xi wiehed minnhom. Certament din hija tezi ferm 'il boghod minn dak li kien premetta l-attur fir-rikors guramentat tieghu fejn sostna li l-att sar minn xi hadd mill-konvenuti* ***'****bl-approvazzjoni unanima taghhom' u li dan l-att sar minn persuna li nizlet fix-xaft u ssussat bi vjolenza l-'extractor' fatti li ma tressqet l-ebda prova fir-rigward (ara l-premessi a fol. 2).*

*"Da parti taghhom il-konvenuti baqghu jsostnu konsistentement li ma kien hadd minnhom li wettaq l-att allegat mill-attur tant li baqghu jsostnu li huma kien minghalihom li dan l-'extractor' tnehha wara li baghtu l-ittra ufficcjali nterpellatorja datata l-1 ta' ta' Awissu, 2013. Kien biss tul is-smiegh tal-provi li l-konvenuti bdew jissuspettaw li dan l-'extractor' seta' effettivament waqa' wahdu minn postu stante li deher mir-ritratti li ma kienx imwahhal fuq erba' 'roll bolts' kif suppost izda biss fuq tlieta u minn dak li setghu jaraw mir-ritratti ma deherx li kellu xi hsara konsistenti ma' l-allegat issussar u twaqqiegh mill-gholi.*

*"Illi fis-sottomissjonijiet tieghu l-attur jinsisti li l-Qorti ghandha tapplika l-principji segwenti kif dikjarati mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza:* ***Saviour Cremona et vs Anthony Cassar et****, deciza fit-23 ta' Settembru 2009:*

> *""Fil-kamp civili, il-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. (****Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino****, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952;* ***Paul Vassallo v. Carmelo Pace****,*

*Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986). Meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbili u verosimili, il-Qorti ma tistax tiddeciedi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti fuq bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur. Fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex probabbli u minn ewl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Hafna drabi, bhala provi spiss jassumu rilevanza determinanti certu provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lil verzjoni u mhux lil ohra, u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f'kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikunu sehhu l-affarijiet."*

*"Da parti taghhom l-konvenuti Attard jsostnu principji enuncjati fil-guriprudenza kif isegwi:*

*""Kif intqal fis-sentenza* ***Dr. Malcolm Pace v Karl Azzopardi et noe*** *deciza mill-Prim'Awla fl-14 ta' Ottubru 2014, fejn saret referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino, C.B.E. noe*** *(App Kum 25/02/1952, Vol.XXXVI.i.319):*

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabbilitajiet."*

*"Il-Prim'Awla kompliet tghid:*

*""Illi xorta wahda dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-oneru tal-prova tal-allegazzjonijiet attrici jinkombu lill-istess attur, stante li huwa principju ben assodat li l-prova tal-fatt imiss lil min jallegah ai termini tal-artikolu 562 tal-Kap. 12."*

*"L-istess isostnu l-konvenuti l-ohra Sultana fis-sottomissjonijiet taghhom.*

*"Il-Qorti taqbel perfettament mal-gurisprudenza kkwotata mill-partijiet u ssostni li f'dan il-kaz l-attur lanqas irnexxielu jressaq bizzejjed provi nkluz dawk cirkostanzjali sabiex din il-Qorti jkollha l-konvinciment morali li fil-fatt l-att twettaq minn xi hadd mill-konvenuti. Minn dak li rat fl-atti l-Qorti tista' tahseb f'diversi possibiltajiet kif seta' dan l-'extractor' nqala' minn postu fosthom li facilment dan seta' tnehha mill-istess attur jew seta' waqa' wahdu minhabba d-daqs u l-kobor tieghu stante li ma kienx imwahhal fuq erba' roll bolts kif suppost. Verament seta' kien wiehed mill-konvenuti li acceda mit-tieqa u mbotta dan l-'extractor' izda dan seta' kien mhux biss Lawrence Attard izda wkoll seta' facilment kien wiehed mill-konvenuti l-ohrajn li wkoll kienu urtati mal-attur fosthom Joseph Sultana jew Mariano Attard li wkoll dan tal-ahhar kien prezenti fl-appartamenti dak in-nhar li sehh l-allegat spoll. Il-Qorti wkoll ma tistax teskludi li jekk verament dan l-'extractor' gie mbottat mix-xaft, l-access ghall-istess xaft sarx mil-appartament ta' Lawrence Attard jew ta' xi hadd iehor u jekk sarx minn nies li kienu residenti fl-appartamenti f'dak il-lejl u li forsi l-hoss tal-istess extractor seta' dejjaqhom. Dan ghaliex kien biss l-appartament t'isfel nett li hemm qbil li kien vojt fil-bqija ma*

*tressqet l-ebda prova dwar l-appartamenti l-ohra kienx hemm residenti fihom jew le. Dawn il-possibiltajiet kollha certament ma jistghux iwasslu lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali li zgur xi hadd mill-konvenuti kien li wettaq l-att kif qed jippretendi l-attur. Il-fatt ukoll li ntbaghtet ittra ufficcjali fl-1 ta' Awissu, 2013 mill-konvenuti lill-atturi sabiex inehhi l-'extractor' in kwistjoni jaghmilha difficli ghal din il-Qorti li temmen li wara l-istess ittra u wara li qaghdu jintrigaw bl-Avukati, xi hadd mill-konvenuti jaqbad u jmur inehhi hu stess l-'extrator' stante li kien ovvju ghal kulhadd li s-suspett ser jaqa mill-ewwel fuq il-konvenuti li baghtu l-ittra.*

*"Apparti dak suespost, ghandu jigi sottomess li f'kawza ta' spoll il-ligi tirrikjedi li din il-Qorti tordna lil minn ikkommetta l-ispoll li jregga lura dak kollu li ghamel izda l-Qorti mill-provi li ghandha quddiemha ma rnexxilhiex tasal ghall-persuna li setghet wettqet l-ispoll jekk verament dan sehh allura tinsab fl-impossibilita' li tordna xi persuna partikolari sabiex tregga lura dak li ghamlet."*

**"Mertu**

"Illi mill-provi kollha migbura l-Qorti tqis li huwa l-lok li l-ewwel element ta' spoll li ghandu jigi meqjus f'din il-kawza ghandu jkun dak tal-*ispoliatum fuisse* stante li wara li rat l-atti kollha l-Qorti tqis li huwa dan l-element li l-aktar iqajjem dubji dwar jekk l-attrici rnexxiliex tissodisfa l-elementi kollha tal-ispoll.

"Illi fir-rikors guramentat taghha Giacinta Debono ssostni li kienu l-konvenuti jew terzi nkarigati minnhom li kkomettew l-ispoll paritkolarment billi 'kissru x-xorok li kienu jservu bhala saqaf tal-ghar imsemmi u dan sabiex joholqu bokka ghad-detriment tad-drittijiet tal-attrici kif ukoll tefgghu mbarazz gewwa l-istess ghar.'

"Illi l-fatt li l-ghar kien imsaqqaf b'xorok gie kkonfermat mill-Perit Saviour Micallef fix-xhieda tieghu a fol. 48 et seq tal-process. Din il-Qorti ma tara xejn fix-xhieda tieghu li ma ghandhiex titwemmen fejn dan jghid li huwa f'xi mument ra x-xorok ghalkemm ghandha dubju serju jekk dawn rahomx meta rrediga l-pjanta ghad-divizjoni tal-proprjeta' bejn l-attrici Giacinta Debono u hutha liema divizjoni saret permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Settembru, 2005 esebit a fol. 23 tal-process jew wara meta sar l-iskavar u fi kliemu 'tfacca' l-ghar' u dan stante li rrizulta li l-ghar in kwistjoni ma kellu l-ebda sors ta' dawl fih ghajr ghall-fetha ghall-proprjeta' tal-konvenuti. Jirrizulta mill-atti tal-kawza odjerna li ghalkemm l-attrici kkonfermat ir-rikors guramentat, fil-fatt hija xehdet biss in kontro-ezami u mhux bhala xhud proprju. Fix-xhieda taghha a fol. 89 et seq jirrizulta li din tixhed ampjament dwar l-uzu tal-ghar fil-imghoddi izda x-xhieda dwar l-element proprju tal-ispoll hija fjakka hafna u din tibda minn fol 105 et seq tal-process. L-attrici kkonfermat li f'xi mument (minghajr ma tghidilna meta) infethet hofra fl-ghar jew toqba u hija marret issib lil xi hadd mill-konvenuti u dan tkellem maghha kif isegwi:

""qalli dak mhux jien. Qalli mur ghid lilu." (fol. 105)

"Wara diversi domandi lill-attrici hareg li r-referenza kienet qeghdha ssir minn xi hadd mill-konvenuti (li ma giex identifikat mill-attrici fix-xhieda) ghal Jonathan Borg li xehed f'dawn il-proceduri u li rrizulta li ghandu konvenju mal-konvenuti sabiex jixtri l-art taghhom. L-attrici tkompli tghid:

> ""Jien imbaghad x'hin rajt li ghamlu dik il-hofra, ghidtlu biex jirrangaha, qalli mhux jien, qalli mur ghid lilu x'ghamel, x'hin, dan qisu mar qallu aktar kabbarielna. X'ghamilt? Imbaghad mort ix-Xatt, l-Imgarr, fejn is-surgent, mort ghamilt rapport. X'hin nasal id-dar, nerga' niltaqa' m'a dan is-sid tal-post, ghidtlu, ghidtlu ergajtu ghamiltuhili hux. Qalli mur saqsi, mur ghid lil dik tal-pjazza. Ghax taparsi ghandhom l-ispizerija fil-pjazza, il-mara tieghu, dakinhar kienu gharajjes, issa l-mara tieghu."

"u dan b'referenza ghall-mara ta' Jonathan Borg.

"Fl-atti ma giex esebit ir-rapport li allegatament sar mal-pulizija u jekk kienx hemm ezitu ghalih ghalkemm tali rapport seta' serva ta' prova mportanti kemm minhabba l-element tal-*infra bimestre deduxisse* kif ukoll seta' jitfa' aktar dawl fuq min allegatament ghamel il-hofra fl-ghar in kwistjoni u kif.

"Da parti tal-attrici tista' tghid li l-unici provi dwar meta u kif saret l-allegata hofra, li in fatti rrizulta li ma kienet hofra xejn izda jekk verament sehhet tressqu, tkissru jew tnehhew xi xorok li kienu qed jaghlqu hofra ezistenti (ara ritratt a fol. 75), huma dawk imsemmija aktar 'il fuq ghajr zewg ittri nterpellatorji esebiti a fol. 6 u 7 tal-process u dak li jixhed il-Perit Saviour Micallef. Fl-ittra datata 7 ta' Dicembru, 2012 indirizzata biss lil Carmela Buttigieg l-attrici ssostni:

> ""Jidher illi f'dawn l-ahhar jiem, inti, uliedek jew xi hadd imqabbad minnkom ghamiltu tentattivi sabiex taghmlu hsara lix-xorok li inti ghandek ghal fuq dan l-ghar bl-ghan illi tiftah u taghmel hsarat strutturali fl-istess ghar. Il-klijenta tieghi diga' innotat ammont sostanzjali ta' trab (il-gimgha li ghaddiet) u issa hadid tas-sodod li ntramew il-bierah mill-proprjeta' tieghek. . . Ghaldaqstant inti mitlub tirranga x-xorok jew il-bokka li hlaqt b'mod permanenti u dan fi zmien erbat ijiem mil-lum."

"Il-Qorti ghalhekk tinnota li f'din l-ittra gia kien allegat li saret xi hsara fix-xorok biex tinfetah il-bokka tal-ghar min-naha tal-atturi tant illi ntalab li tigi eliminata l-fetha li giet kreata u li skont l-istess attrici kienet saret fil-gimgha qabel l-ittra tas-7 ta' Dicembru, 2012. Mill-ittra ma gie dentifikat hadd partikolari li seta' ghamel dan l-allegat spoll.

"Fl-ittra datata 17 ta' Dicembru, 2012 jirrizulta li tinghata risposta ghall-ittra responsiva li allegatament baghtet il-konvenuta Carmela Buttigieg (kopja taghha izda ma gietx esebita). Imkien ma jissemma' li wara l-ittra tas-7 ta' Dicembru, 2012 saru xi xoghlijiet ohra biex kibret il-fetha.

"Jirrizulta mill-atti li hadd mill-konvenuti ma xehed f'dawn il-proceduri anki ghaliex gie dikjarat li la darba huma ffirmaw il-konvenju ma'

Jonathan Borg huma tilfu l-interess. Ma giet prezentata l-ebda prova izda meta fil-fatt gie ffirmat dan il-konvenju.

"Illi mix-xhieda tieghu fl-atti, Jonathan Borg a fol. 63 et seq, 77 et seq u 118 et seq tal-process jichad diversi drabi li huwa ghamel xi xoghol ta' tahmil fil-gnien li jigi fuq l-ghar in kwistjoni ghalkemm mistqosi diversi drabi, direttament, mill-avukat tal-attrici. Fix-xhieda tieghu datata 20 ta' Mejju, 2015 isostni li hu u missieru nehhew xi hmieg minn din l-ghalqa/ gnien u tfaccat bokka kbira ghal gol-ghar. Jonathan Borg jibqa' jsostni din il-verzjoni fid-diversi drabi li xehed quddiem il-Qorti u jghid li dan tnehha bl-idejn. Imkien ma jsemmi li tkissru xi xorok anzi jichad b'mod assolut li dan seta' sehh ghaliex isostni li meta naddaf hu ma kien hemm l-ebda xorok u prezenta numru ta' ritratti a fol. 69 sa 75 tal-process. Ir-ritratt a fol. 75 huwa mehud minn naha tal-ghar li tasal ghalih mill-proprjeta' tal-attrici, f'liema ritratt izda jigi notat li ma jidhrux ix-xorok li suppost ra l-Perit li l-probabbilta' kienu jinsabu aktar 'il fuq sabiex appuntu jaghlqu l-fetha miftuha mill-ghar min-naha tal-proprjeta' tal-atturi. Il-Qorti tirrileva wkoll li din il-fetha jidher car li ilha hemmhekk zmien mhux hazin anzi tidher li hija mhaffra fl-istess zmien tal-bqija tal-ghar (li f'ghajnejn din il-Qroti mir-ritratt a fol. 75 u 49 tal-process 31/2013 ghandu jista' jkun li ghandu wkoll forma ta' bir min-naha tal-proprjeta' tal-atturi). L-istess Perit tal-attrici jiddeskrivi l-bokka min-naha tal-konvenuti bhala 'qisha bokka ta' bir' (ara fol. 51). Dan igib fix-xejn l-allegazzjoni tal-attrici li l-ghar kien accessibbli biss min-naha tal-proprjeta' taghha tant illi l-access kien maghluq bix-xorok appuntu biex jaghlaq l-access min-naha tal-atturi msemmi wkoll fl-ittra tas-7 ta' Dicembru, 2012, mela allura access kien hemm! Jonathan Borg jinsisti li l-bokka tal-ghar meta naddaf hu kienet in parti gia mikxufa u li kien hemm jghattiha ghatu ta' tank tal-ilma u hafna haxix u hmieg u mhux xorok kif anki jidher mir-ritratt ghalhekk jekk kien hemm xi xorok dawn waqghu jew tnehhew qabel ma naddaf hu.

"Din il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet diversi dwar x'suppost sar biex sehh l-allegat spoll. Da parti taghhom l-konvenuti jinsistu li jekk inkisru xi xorok dan sehh meta l-attrici ghamlet ix-xoghol ta' skavar u ghalhekk il-fetha li rrizultat kienet konsegwenza tal-azzjonijiet taghha u mhux tal-konvenuti jew ta' xi hadd iehor. Fil-fatt mhux kontestat li dak iz-zmien l-attrici kienet qed taghmel xoghol estensiv ta' zvilupp billi anki skavat il-proprjeta' kollha taghha kif jidher fir-ritatti a fol. 49 u 50 tal-process 31/2013 mill-Perit Saviour Micallef liema xhieda tifforma wkoll parti mill-process odjern. A fol. 51 tal-process odjern il-Perit jikkonferma li x-xoghlijiet bdew lejn Gunju tas-sena 2012 u wara. Fil-fatt a fol. 51 il-Perit jixhed kif isegwi:

> ""Meta waqqajna l-hajt, il-bini u tfacca l-ghar irrizulta li, fis-saqaf tieghu ma ghandix ritratt taghha, kien hemm bokka, qisha bokka ta' bir u kienet bix-xorok qodma, dawn ghal xi raguni wara li waqqajna, ix-xorok xi tnejn minnhom cedew, waqghu gal-ghar u waqghet il-hamrija gol-ghar."

"A fol. 53 l-istess Perit meta mistoqsi jekk jistax jghid kif waqghu x-xorok in kwistjoni jikkonferma li huwa ma qalx biex waqghu.

"Il-Qorti tirrileva li x-xhieda u l-provi l-ohra kollha li tressqu fl-atti tista' tghid jirrivolvu aktar dwar il-pussess u l-kwistjoni tal-proprjeta' tal-ghar aktar milli dwar l-incident meta suppost sehh l-ispoll u minn min.

"Mill-provi mressqa l-Qorti ma tqisx li l-attrici rnexxielha tressaq provi sufficjenti fil-ligi sal-grad tal-probabbli illi l-allegat spoll kif deskritt minnha fir-rikors guramentat u cioe' li 'l-konvenuti jew terzi nkarigati minnhom kissru x-xorok li kienu jservu bhala saqaf tal-ghar imsemmi u dan sabiex joholqu bokka ghad-detriment tad-drittijiet tal-attrici u kif ukoll tefghu mbarazz gewwa l-istess ghar' (ara r-rikors guramentat) verament sehh u jekk sehh illi sar mill-konvenuti jew xi terz imqabbad minnhom.

"Fil-fatt il-Qorti hija rinfaccjata bi probabbilta' realistika hafna li x-xorok setghu cedew waqt ix-xoghlijiet ta' skavar estensivi li ghamlet l-istess attrici fl-istess zminijiet.  Ghalkemm huwa minnu li Jonathan Borg (li mhux konvenut) ammetta li naddaf parti mill-ghalqa u nkixfet il-bokka dan cahad b'mod assolut li huwa mess xi xorok li skont hu gia ma kienux hemm.  Dan jaghmel aktar probabbli t-tezi li dawn cedew waqt ix-xoghlijiet izda tant kien hemm imbarazz fuqhom li min-naha tal-konvenuti l-bokka xorta wahda ma kinitx facilment vizibbli. L-istess attrici tammetti li meta kellmet lil xi hadd mill-konvenuti (ghaliex ma tindikax lil min) dan qalilha biex ma ssaqsix lilu izda ssaqsi lil Jonathan Borg ghaliex huma (l-konvenuti) ma kienu ghamlu xejn.  Din il-Qorti mill-atti wkoll fehmet li Jonathan Borg beda jkollu x'jaqsam ma' din il-proprjeta' wara Dicembru, 2012 u cioe' wara li allegatament infethet il-bokka kif qed issostni l-attrici.  Fil-fatt Jonathan Borg fix-xhieda tieghu a fol. 77 tal-process jghid li huwa beda jkollu x'jaqsam mal-proprjeta' in kwistjoni sentejn u nofs qabel ix-xhieda tieghu datata 7 ta' Ottubru, 2015 u li ghalhekk tmur lura ghal Marzu, 2013 meta kienu l-istess konvenuti li ghamlu mandat kontra l-attrici sabiex tigi nibita milli tiskava entro d-distanza u ma tiftahx aperturi fil-hajt divizorju. Dak iz-zmien il-kawza ta' spoll gia kienet miftuha.  F'dan l-istess zmien ittiehdu r-ritratti esebiti a fol. 69 sa 75 u ghalhekk il-Qorti tqis li l-probabilta' hi li x-xoghlijiet ta' tindif li ghamlu Jonathan Borg u missieru sehhew lejn dawk iz-zminijiet u mhux kif allegat mill-attrici u cioe' gimgha qabel l-ittra tas-7 ta' Dicembru, 2012.

"Il-Qorti ghalhekk tqis li l-element tal-*ispoliatum fuisse*, u kif dirett fil-konfront tal-konvenuti u anke fil-konfront ta' Jonathan Borg anki li kieku kellu jigi kkunsidrat bhala 'terz mqabbad minnhom' bl-ebda mod ma gie ppruvat.  Anzi mkien fl-atti ma rrizulta li fi kwalunkwe kaz jekk Jonathan Borg ghamel xi xoghlijiet li dan effettivament ghamilhom b'inkarigu tal-konvenuti.  Ghalhekk l-element tal-'*ispoliatum fuisse'* ma giex sodisfatt.

"Illi fir-rigward tal-element tal-'*infra bimestre'* l-Qorti tinnota wkoll li fl-ittra tas-7 ta' Dicembru, 2012 (fol. 7) jinghad li l-bokka gia kienet infethet u sehhet hsara lix-xorok 'il-gimgha li ghaddiet' qabel dik l-ittra.  Fl-ittra datata 17 ta' Dicembru, 2012 (fol 6) ma jissemma' mkien li sehh xi xoghol iehor.  Il-kawza odjerna nfethet fl-1 ta' Frar, 2013 u fil-kawza

jinghad li l-att spoljattiv sar specifikat nhar it-8 ta' Dicembru, 2012. Kieku kien hekk allura dan l-element kien ikun sodisfatt izda mbaghad tinqala' l-problema li huwa cert mill-atti li l-att spoljattiv ma sehhx fid-data ndikata fir-rikors guramentat u cioe' dik tat-8 ta' Dicembru, 2012. Huwa fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici li din tipprova tikkoregi d-data billi ssotni li l-allegazzjoni taghha hija li x-xoghlijiet saru fil-granet ta' qabel it-8 ta' Dicembru, 2012. Huwa evidenti mill-ittra tas-7 ta' Dicembru, 2012 li jekk din il-Qorti kellha ssib li sehh l-att spoljattiv dan sar qabel dik l-ittra u zgur mhux l-ghada kif issostni l-attrici fir-rikors guramentat taghha. Minn dan il-lat ghalhekk l-allegazzjoni tal-attrici li l-att spoljattiv sehh nhar ti-8 ta' Dicembru 2016 mhux sodisfatt b'dana li l-kawza xorta tippekka.

"Illi izda min-naha l-ohra jekk ghall-grazzja tal-argument il-Qorti kellha tiehu t-tezi tal-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha fejn issostni li l-att spoljattiv sehh fil-jiem ta' qabel it-8 ta' Dicembru, 2012, sabiex l-element tal-'*infra bimestre'* seta' jkun sodisfatt, kellu jirrizulta li x-xoghlijiet allegati sehhew mill-1 ta' Dicembru 'l quddiem. Mill-ittra tal-istess attrici dan huwa pjuttost incert anki ghaliex issemmi l-gimgha ta' qabel. Li kieku l-attrici almenu prezentat kopja tar-rapport li hija ssostni li ghamlet mal-Pulizija dan id-dubju kien jigi rizolt izda lanqas din il-prova ma tressqet. Hija gurisprudenza kostanti li l-prova ta' meta sehh l-ispoll kienet tinkombi fuq l-attrici li tallegah u l-Qorti tqis li anki fir-rigward ta' dan l-element hemm dubju serju dwar jekk dan sehhx fl-ewwel jiem ta' Dicembru, 2012 jew fl-ahhar gimgha ta' Novembru, 2012 b'dana li d-dubju jiffavorixxi lill-konvenuti u mhux lill-attrici li ghandha l-oneru tal-prova.

"In vista illi mis-suespost, jirrizulta li zgur l-element tal-'*ispoliatium fuisse'* ma giex sufficjentement pruvat lil din il-Qorti filwaqt li jirrenja dubju kbir dwar meta sehh l-allegat spoll b'dana li anki l-element tal-'*infra bimestre deduxisse'* huwa ncert ghall-ahhar il-Qorti ma tqisx li ghandha ghalfejn f'din il-kawza tinoltra ruha oltre fl-element tal-pussess li anki jekk ghall-grazzja tal-argument ikun favur l-attrici, wahdu, xorta wahda ma jwassalx ghas-sucess tal-kawza ta' spoll tentata mill-attrici.

**"Decizjoni**

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, fuq nuqqas ta' provi li jissostanzjaw l-ezistenza tat-tliet elementi kollha neccessarji fil-ligi sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll tentata mill-attrici, tichad it-talbiet kollha tal-attrici.

"Bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kontra l-attrici."

**Rikors tal-appell tal-attriċi Giacinta Debono tat-18 ta' Lulju 2016**

**3.** L-attriċi ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha. L-aggravji tagħha huma dawn:

*(i)* l-element tal-i*"spoliatum fuisse"*

L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova suffiċjentement l-aġir spoljattiv allegat minnha. Dan allegatament kien jikkonsisti fi tkissir tax-xorok li kienu jservu bħala saqaf tal-għar b'mod li nħolqot bokka, u t-tfiegħ tal-imbarazz ġewwa l-istess għar. Fi kwalunkwe każ irriteniet illi anke jekk verament seħħ, ma ġiex pruvat li sar mill-konvenuti jew minn xi terz imqabbad minnhom.

L-attriċi ssostni li sa meta Jonathan Borg naddaf l-art tal-konvenuti, il-bokka kienet għadha magħluqa u li kien biss wara li huwa għamel tali xogħol li infetaħ l-aċċess għall-għar inkwistjoni. Tilmenta li l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra x-xogħol li għamel Jonathan Borg bħala att spoljattiv meta kien fil-fatt dan ix-xogħol li fetaħ il-bokka inkwistjoni. Tirrileva li l-istess Jonathan Borg ammetta li kien hu li bix-xogħol ta' tindif li għamel fl-art tal-konvenuti fetaħ il-bokka u b'hekk ħoloq aċċess għall-għar fil-pussess tagħha.

*(ii)* l-element tal-*"infra bimestre deduxisse"*

L-ewwel Qorti kkonkludiet li anke fir-rigward tal-element tal-*infra bimestre deduxisse* hemm dubju jekk dan ir-rekwiżit ġiex sodisfat, u dan għaliex ma ġiex pruvat jekk l-aġir allegatament spoljattiv

seħħx fl-ewwel jiem ta' Diċembru 2012 jew l-aħħar ġimgħa ta' Novembru 2012 (il-kawża ġiet intavolata fl-1 ta' Frar 2013).

F'dan ir-rigward l-attriċi tirreferi għall-ittra datata 7 ta' Diċembru 2012 li hija kienet bagħtet lill-konvenut u li fiha hija tgħid li x-xogħol lamentat minnha sar "*f'dawn l-aħħar jiem*" u li l-"*ġimgħa li għaddiet*" kienet diġa` innotat ammont sostanzjali ta' trab li imbagħad żdied b'imbarazz ta' ħadid u materjal ieħor. Għaldaqstant issostni li x-xogħol lamentat minnha sar bejn l-1 ta' Diċembru 2012 u s-7 ta' Diċembru 2012.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuti appellati tad-19 ta' Awwissu 2016</u>**

**4.** Il-konvenuti appellati da parti tagħhom wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

**5.** Fl-ewwel lok il-konvenuti jgħidu li l-attriċi appellanti qabżet stadju importanti ferm, u cioe` dak li hija naqset milli tipprova l-pussess tagħha. Dan pero` huwa element li ma daħlitx fih l-ewwel Qorti u huwa estranju għal dan l-appell.

**6.** Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-attriċi appellanti (dwar l-element tal-i*spoliatum fuisse*) jirreferu għax-xhieda tal-perit Salvu Micallef fejn jgħid li l-bokka għall-għar mill-art tagħhom kienet sa minn dejjem hemm u żiedu li l-istess perit xehed li tali bokka kienet mgħottija mill-konvenuti

b'għatu ta' tank.

**7.** Fir-rigward tat-tieni aggravju tal-attriċi appellanti (dwar l-element tal-*infra bimestre deduxisse*) isostnu illi d-data indikata mill-attriċi appellanti hija waħda fittizja u li ġiet indikata f'tentattiv estrem sabiex tipprova turi li l-kawża ġiet intavolata fit-terminu perentorju ta' xahrejn mill-allegat aġir spoljattiv.

**L-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni *Carmela Buttigieg v. Giacinta Debono* 10/2013 – allegati ma' dawn odjerni**

**8.** Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2015[7] il-partijiet qablu li kellhom jiġu allegati l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 10/2013 fl-ismijiet **Carmela Buttigieg v. Giacinta Debono**, degretat fit-3 ta' Mejju 2013. Il-Qorti fil-fatt dakinhar laqgħet it-talba u ordnat li ssir tali allegazzjoni.

**L-atti tal-kawża *Carmela Buttigieg v. Giacinta Debono* (31/2013 JVC)**

**9.** Il-kawża 31/2013 fl-ismijiet **Carmela Buttigieg et v. Giacinta Debono** 31/2013 JVC[8] ġiet intavolata mill-konvenuti odjerni (familja Buttigieg) kontra l-attriċi odjerna fil-15 ta' Mejju 2013 (cioe` tliet xhur u nofs (3½) wara li saret il-kawża odjerna). Dik il-kawża tirrigwarda: it-tħammil li sar minn Giacinta Debono allegatament f'distanza ta' inqas minn 76cm mill-ħajt diviżorju li jifred il-proprjeta` tagħha minn dik tal-

[7] Verbal fol 60
[8] Deċiża ukoll fit-28.06.2016: appellata ukoll, iżda għadha mhux appuntata

familja Buttigieg - bi ksur tal-Artikolu 439 tal-Kodiċi Ċivili; il-bini tal-ħajt diviżorju l-ġdid li allegatament għandu ħxuna ta' inqas minn dik ta' 38cm – bi ksur tal-Artikolu 407 tal-Kodiċi Ċivili; u l-allegata intenzjoni tal-istess Giacinta Debono li tifforma bieb fil-ħajt diviżorju sabiex ikollha aċċess mill-fond tagħha għas-sottoswol allegatament formanti parti mill-proprjeta` tal-familja Buttigieg – bi ksur tal-Artikolu 425 tal-Kodiċi Ċivili. Il-kawża 31/2013 saret ukoll in sostenn tal-mandat 10/2013.

**10.** Kif osservat l-ewwel Qorti bosta mix-xhieda ġew riportati fiż-żewġ kawżi u saret ukoll riferenza għal dokumentazzjoni u ritratti esebiti fil-kawża odjerna jew fil-kawża 31/2013, b'tali mod li bdiet issir riferenza waqt ix-xhieda għall-atti taż-żewġ kawżi bi qbil bejn il-partijiet.

**Sfond**

**11.** Għal intendiment aħjar ta' din il-vertenza jkun utli li fl-ewwel lok jiġu spjegati l-ambjenti inkwistjoni.

**12.** Fit-13 ta' Settembru 2005 sar kuntratt ta' diviżjoni[9] bejn l-attriċi u s-sitt ħutha l-oħra (sebat aħwa b'kollox) fl-atti tan-Nutar Michael Refalo. Il-proprjeta` in diviżjoni ġiet maqsuma fi tliet partijiet: A, B, u C liema partijiet jidhru indikati fuq il-pjanta datata 18 ta' Lulju 2005[10]. Din il-

[9] Kuntratt ta' diviżjoni bejn l-attriċi u ħutha, Dok AC, fol 139-141
[10] Pjanta tat-18.07.2005 a fol 142

pjanta jidher li kienet dik li ġiet annessa mal-kuntratt ta' diviżjoni peress li fuqha jidhru l-firem tal-aħwa Debono. Skont ma jirriżulta mill-kuntratt, il-partijiet indikati bl-ittri "A" u "C" (li flimkien jiffurmaw *l-ewwel porzjon*) ġew assenjati lil erbgħa (4) mill-aħwa, u cioe`: John, Maria, Carmela u Giacinta (l-attriċi) filwaqt li l-parti indikata bl-ittra "B" (formanti *t-tieni porzjon*) ġiet assenjata lit-tliet (3) aħwa l-oħra: Joseph, Lucia u Loreto. Jiġi spjegat li l-parti indikata bl-ittra "C" li tinsab fuq in-naħa ta' wara l-parti indikata bl-ittra "A" ġiet deskritta bħala "*għar sottostanti proprjeta` ta' terzi, ta' forma kważi ċirkolari u li fih kejl ta' madwar sitta u tletin metri kwadri (36mk).*"

**13.** Kemm il-proprjeta` indikata bl-ittra "A" kif ukoll dik indikata bl-ittra "B", għandhom il-faċċata tagħhom fuq "*Pjazza Santwarju tal-Madonna ta' Loreto.*"

**14.** Il-perit tal-attriċi Saviour Micallef fix-xhieda tiegħu tat-13 ta' Marzu 2014[11] ikkonferma li kien proprju hu l-perit li kien ġie inkarigat mill-attriċi odjerna sabiex jipprepara l-imsemmija pjanta li ġiet annessa mal-kuntratt ta' diviżjoni fis-sena 2005. Fil-fatt huwa esebixxa kopja ta' tali pjanta seduta stante u mmarkaha Dok SM[12].

**15.** Il-perit Micallef kompla jispjega li snin wara l-attriċi kienet reġgħet

[11] Xhieda tal-Perit Saviour Micallef, fol 48-55
[12] Pjanta, Dok SM, fl-atti tal-kawża 31/2013 JVC, fol 47

qabbditu, din id-darba sabiex japplikalha għall-permess sabiex jitwaqqa' l-bini l-antik (cioe` dak indikat bħala "A" fuq il-pjanta) u floku jittella' bini ġdid:

> "... dan il-post illum twaqqa' għax imbagħad iżjed tard qabbditni biex napplikalha biex twaqqgħu u llum qegħdin nibnu bini ġdid."
>
> "Ovvjament x'ħin waqqajna, imbagħad waqqajna l-ħajt ta' wara, u imbagħad ovvjament tfaċċa l-għar."

**16.** L-għar li jsemmi huwa l-għar indikat bl-ittra "C" fuq il-pjanta. Huwa esebixxa ritratt li ġie mmarkat Dok SM1[13] "*li juri minn fejn kellu aċċess l-għar, kienet kamra n-naħa ta' wara tal-post ta' Giacinta Debono*". Spjega li l-aċċess kien mill-bieb tal-aluminju li huwa mmarka bl-ittra "X". Esebixxa wkoll żewġ ritratti oħra: Dok SM2[14] li juru l-proprjeta` "A" wara li twaqqgħet. Fir-ritratt ta' fuq jidher l-għar li jinsab fuq in-naħa ta' wara tal-proprjeta`, liema għar wara t-twaqqiegħ tal-bini ġie espost. Il-perit spjega li l-bieb tal-aluminju li kien jinsab fil-"*back wall"* tal-post il-qadim ta' Giacinta Debono (cioe` dak li huwa mmarka bl-ittra "X" fuq ir-ritratt Dok SM1) kien jagħti għall-għar. Fuq ir-ritratt li jinsab fuq in-naħa ta' fuq ta' Dok SM2 huwa fil-fatt indika eżattament fejn kienet il-pożizzjoni ta' tali bieb bil-kliem: "*original door location*".

**17.** Il-perit xehed ukoll illi l-*Commencement Notice* kienu bagħtuha lill-Awtorita` (MEPA) lejn l-aħħar ta' Ġunju 2012 u li t-twaqqiegħ beda ftit

---

[13] Ritratt, Dok SM1, fl-atti tal-kawża 31/2013 JVC, fol 48
[14] Żewġ ritratti, Dok SM2, fl-atti tal-kawża 31/2013 JVC, fol 49

wara. Skont ma jidher mid-dokument Dok AB[15] l-attriċi sussegwentement talbet permess "*to carry out internal alterations to include existing applicant's cave*" liema applikazzjoni waslet għand l-Awtorita` (MEPA) fit-3 ta' April 2013, cioe` ftit wara li ġiet intavolata din il-kawża.

**18.** Jiġi osservat ukoll illi r-ritratt fuq in-naħa ta' fuq ta' Dok SM2 juri *cross-section* ta' dak li hemm 'il fuq mill-għar: cioe` blat u ħamrija. Kontro-eżaminat, il-perit ikkalkula li kien hemm madwar żewġ piedi jew tlieta ħamrija fuq il-blat.

**19.** Il-konvenuti da parti tagħhom kellhom art li tiġi sovvraposta għall-għar inkwistjoni. Huma pero` ma xehdux f'dawn il-proċeduri peress li ffirmaw konvenju sabiex jittrasferixxu l-proprjeta` tagħhom lil Jonathan Borg. (Ma ġie esebit l-ebda konvenju/kuntratt u għalhekk mhix magħrufa d-data tal-konvenju/kuntratt). Fil-verbal tad-9 ta' Ottubru 2014 il-Qorti ġiet infurmata li "*fil-mori*" kien sar konvenju fuq il-proprjeta` tal-konvenuti. Fil-verbal tal-14 ta' Jannar 2015 id-difensur tal-konvenuti informa lill-Qorti li l-patroċinati tiegħu "*ittrasferew*" il-proprjeta` tagħhom lil Jonathan Borg. Madanakollu, fix-xhieda tiegħu tal-20 ta' Mejju 2015, Jonathan Borg qal li għalkemm kien iffirma l-konvenju, "*l-kuntratt għadu se jsir aktar 'il quddiem*".

---

[15] Ittra mill-MEPA, Dok AB, fol 138

**20.** Jonathan Borg spjega li l-art tal-konvenuti tikkonfina ma' biċċa art ta' missieru u għalhekk ried jiżviluppa l-biċċtejn art. Qal li waqt li kienu qegħdin ikejlu u jnaddfu biex jaraw eżatt il-qisien tal-għalqa tal-konvenuti (li kien għamel il-konvenju fuqha), malli neħħew il-ħmieġ "*tfaċċat bokka kbira.*"

*L-ewwel aggravju: l-element tal-ispoliatum fuisse*

**21.** Fir-rikors ġuramentat tagħha l-attriċi ddeskriviet l-ispoll allegat minnha hekk:

> "... il-konvenuti jew terzi inkarigati minnhom kissru x-xorok li kienu jservu bħala saqaf għall-għar imsemmi u dan sabiex joħolqu bokka għad-detriment tad-drittijiet tal-attriċi u kif ukoll tefgħu imbarazz ġewwa l-istess għar."

**22.** Il-perit Saviour Micallef fit-13 ta' Marzu 2014, xehed illi qabel ma twaqqa' l-bini tal-attriċi, l-għar retropost għalih kien totalment mudlam (cioe` ma kien hemm l-ebda fetħa fis-saqaf tiegħu li minnu jgħaddi d-dawl). Dwar ix-xorok qal hekk:

> "… fis-saqaf tiegħu (l-għar) … kien hemm bokka, qisha bokka ta' bir u kienet bix-xorok qodma, dawn għal xi raġuni <u>wara li waqqajna, ix-xorok xi tnejn minnhom ċedew</u>, waqgħu għal ġol-għar u waqgħet il-ħamrija ġol-għar…. Jiġifieri l-bokka ġol-blat kienet, u kienet imsaqqfa bix-xorok kif kienu jagħmlu dari, fhimt, bil-ħamrija fuqha."
>
> (sottolinear ta' din il-Qorti)

**23.** Kontro-eżaminat u mistoqsi jafx kif waqgħu x-xorok, qal li ma jafx.

**24.** L-attriċi Giacinta Debono fix-xhieda tagħha tat-28 ta' Jannar 2016[16], mistoqsija x'inbidel fl-għar, (mingħajr ma speċifikat iż-żmien) irrispondiet illi:

> "Infetħet ħofra, ħaffer ħofra, insomma toqba, u imbagħad jien mort sibt sid il-post, mort fittixtu, għidtlu, issa dan x'ridtu? Għax billi riedu jibnu, biex ibiegħu, għidtlu, dan x'ridtu? Qalli dak mhux jien. Qalli mur għid lilu[17]"

**25.** Jonathan Borg, fix-xhieda tiegħu tal-20 ta' Mejju 2015[18] esebixxa numru ta' ritratti: Dok JB1 sa JB7[19] li ttieħdu f'Marzu 2013[20] waqt l-aċċess li sar fil-proċeduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni 10/2013. Fil-fatt Dr Joseph Grech, difensur tal-konvenuti, ikkonferma li tali ritratti kien ħadhom hu bil-*mobile* tiegħu. B'riferenza għar-ritratti Dok JB2, JB3 u JB4 li huma kważi identiċi, Jonathan Borg spjega li dawn juru l-bokka li tfaċċat waqt li kien qed inaddaf il-ħmieġ mill-għalqa sovrastanti għall-għar. Spjega li l-għatu li jidher fir-ritratti effettivament kien jgħatti l-bokka. Kompla jgħid li:

> *"… x'ħin komplejna nikklerjaw dak il-ħmieġ u l-imbarazz li kien hemm, aktar ma neħħejna aktar indunajna li t-toqba kienet kbira…"*

**26.** B'riferenza għar-ritratt Dok JB7 spjega li dan ittieħed mill-għar innifsu u għaldaqstant juri l-bokka min-naħa t'isfel. Qal li waqt il-mandat (jew aħjar l-aċċess) "*l-Avukat u l-Maġistrat daħlu ġol-għar min-naħa*

---

[16] Kontro-eżami tal-attriċi 28.01.2016, fol 89 et seq
[17] Ir-riferenza jidher li kienet għal Jonathan Borg, li kien f'konvenju mal-konvenuti sabiex jixtri l-art tagħhom
[18] Xhieda ta' Jonathan Borg tal-20.05.2015, fol 63 et seq
[19] Dok JB1-JB7, fol 69-75
[20] Effettivament, skont l-atti tal-mandat, (allegati mal-atti tal-kawża odjerna) l-aċċess sar proprju fit-2 ta' Mejju 2013.

*t'isfel… min-naħa ta' Debono.*"

**27.** F'xhieda sussegwenti tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2015[21] qal li kien induna li jidher xaqq ta' dawl fl-għar. Dan neċessarjament kien wara li l-attriċi waqqgħet il-bini l-antik tagħha u l-għar retropost għal tali bini ġie espost, kif jidher fir-ritratt f'Dok SM2. "*Għidt dan x'inhu jiena, għidt forsi hemm xi bozza tixgħel jew xi ħaġa, imbagħad neħħejtu*[22] *u nsib it-toqba*". Huwa qal li kien wara li ftiehem mal-konvenuti (li jiġu l-kuġini ta' missieru) sabiex jixtri l-għalqa sovrastanti l-għar li kien daħal għall-ewwel darba fl-għalqa. Mistoqsi meta kien, qal "*ilu xi sentejn u nofs*" li allura bejn wieħed u ieħor jiġi għall-ħabta ta' Marzu 2013, pero` ovvjament ladarba juża l-kelma "xi" ifisser li d-data hija approssimattiva, hija bejn wieħed u ieħor. Probabbilment kien ftit tax-xhur qabel Marzu 2013: dan qed jingħad peress li fl-ittra interpellatorja tas-7 ta' Diċembru 2012 l-attriċi ilmentat li kien waqa' xi trab, kif ukoll intefa' xi ħadid tas-sodod "*il-ġimgħa ta' qabel*" – aktarx li dan kien meta Jonathan Borg kien qiegħed inaddaf u jneħħi l-ħmieġ li kien hemm fuq il-bokka, u proprju meta skopra l-bokka. Kontro-eżaminat u mistoqsi jekk huwa ħammilx, qal "*Le, le, ma missejtx hemmhekk taħmil jiena.*"

**28.** Huwa reġa tela' jixhed fit-28 ta' Jannar 2016[23] (in kontro-eżami) u reġa' kkonferma li ma għamilx taħmil. Qal ukoll li l-bokka (li tfaċċat meta

[21] Xhieda ta' Jonathan Borg tas-07.10.2015, fol 77 et seq
[22] Hawnhekk qed jagħmel riferenza għall-għatu tat-tank li neħħa mill-għalqa sovrastanti l-għar.
[23] Xhieda tal-Jonathan Borg in kontro-eżami tat-28.01.2016, fol 118 et seq

neħħa l-ħmieġ minn fuqha) kienet kbira biżżejjed biex kieku ried seta' jgħaddi minnha.

**29.** Għalhekk mis-suespost jirriżulta illi:

- Kwalsiasi xorok li kienu jservu bħala saqaf għall-għar waqgħu wara li l-attriċi waqqgħet il-binja l-antika tagħha.

- Għalkemm il-perit tal-attriċi Saviour Borg qal li ma jafx eżattament "kif" waqgħu (u tkissru) x-xorok, l-istess perit xehed li tali xorok kienu "*qodma*" u li wara li l-attriċi waqqgħet il-bini antik tagħha ix-xorok "*ċedew*".

- L-istess perit qal ukoll li qabel ma l-attriċi waqqgħet il-post tagħha, l-għar kien kompletament mudlam, u cioe` ma kien jgħaddi l-ebda dawl mis-saqaf tiegħu.

- Meta sussegwentement għad-demolizzjoni tal-bini tal-attriċi l-għar tal-attriċi ġie espost, u cioe` kien jidher mit-triq, Jonathan Borg innota li kien hemm xaqq ta' dawl dieħel mis-saqaf tal-għar, u fil-fatt ħaseb li kienet xi bozza tixgħel. Minn dan isegwi li x-xogħlijiet ta' demolizzjoni u ta' tħammil relattivi għall-bini tal-attriċi ikkaġunaw konsegwenzi fis-saqaf tal-għar.

- Meta Jonathan Borg mar fl-għalqa sovrastanti l-għar u naddaf il-ħmieġ li kien qed jgħatti l-bokka, ix-xorok diġa` ma kinux hemm. Kulma għamel Jonathan Borg kien li bit-tindif li għamel, kixef il-bokka li minnha kienu diġa` waqgħu x-xorok li oriġinarjament kienu jgħattuha.

- Ix-xogħol ta' demolizzjoni li wettqet l-attriċi beda wara Ġunju 2012. Aktarx li Jonathan Borg mar fl-għalqa sovrastanti l-għar, sabiex inaddafha mill-ħmieġ, għall-aħħar ta' Novembru 2012 jew bidu ta' Diċembru 2012.

**30.** Fil-fehma ta' din il-Qorti kellha raġun l-ewwel Qorti meta kkummentat illi l-probabbilta` hija li x-xorok "aktarx" ċedew waqt ix-xogħlijiet ta' skavar li għamlet l-attriċi fil-proprjeta` tagħha stess. (Mill-atti tal-kawza 31/2013 JVC jirriżulta li l-attriċi fil-fatt mhux biss waqqgħet il-bini antik tagħha iżda wkoll għamlet xogħol ta' tħammil.)

**31.** L-ilment tal-attriċi fir-rikors promutur tagħha kien li bit-tkissir tax-xorok, il-konvenuti jew xi ħadd imqabbad minhhom "*ħolqu bokka" g*ħall-għar. Ma tistax issa l-attriċi appellanti kredibilment issostni fir-rikors tal-appell tagħha li kien bit-tneħħija tal-ħmieġ li Jonathan Borg "*fetaħ*" il-bokka u "*ħoloq aċċess*" għall-għar meta l-allegat aġir spoljattiv skont ir-rikors promotorju huwa fir-rigward tat-tkissir tax-xorok (u tat-tfiegħ tal-imbarazz - ċertu ħadid tas-sodod - li pero` f'dan ir-rigward ma jidhrux li tressqu provi u anqas saret riferenza għalih fir-rikors tal-appell).

**32.** Fi kwalunkwe każ, anke kieku, għall-grazzja tal-argument, jitqies li kien Jonathan Borg li kisser ix-xorok (li din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, hija assolutament konvinta li mhux il-każ) l-istess Borg la huwa wieħed mill-konvenuti, lanqas ma hu xi ħadd li kien "*imqabbad"* minnhom: huwa

kien qed jagħmel ix-xogħol għalih innifsu in vista tal-fatt li kien ftiehem mal-konvenuti (il-kuġini ta' missieru) li jixtri l-proprjeta` tagħhom. Għalhekk anke għal din ir-raġuni ma jistax jingħad li ġie pruvat l-element tal-i*spoliatum fuisse* kif allegat mill-attriċi.

*It-tieni aggravju: l-element tal-infra bimestre deduxisse*

**33.** Ir-rikors promutur ġie intavolat fl-1 ta' Frar 2013. L-attriċi ippremettiet illi qabel is-7 ta' Diċembru 2012 (u cioe` d-data li fiha hija bagħtet ittra interpellatorja lill-konvenuta Carmela Buttigieg) il-"*konvenuta kienet diġa` bdiet tipprova tisfronda l-għar"*, u li sussegwentement, "*wara li sfronda l-għar*" hija reġgħet interpellat lill-konvenuta permezz ta' ittra interpellatorja oħra datata 17 ta' Diċembru sabiex tisporġi tali spoll. Hija ppremettiet ukoll illi l-att spoljattiv konsistenti fi tkissir ta' xorok u tfiegħ ta' imbarazz, seħħ "*proprjament fit-8 ta' Diċembru 2012.*"

**34.** Effettivament fl-ittra datata 7 ta' Diċembru 2012[24] li l-attriċi bagħtet lill-konvenuta Carmela Buttigieg tramite d-difensur tagħha, hija ilmentat li kienu saru tentattivi sabiex issir ħsara lix-xorok u li "*il-ġimgħa li għaddiet*" innutat ammont sostanzjali ta' trab. L-ittra l-oħra li bagħtet, datata 17 ta' Diċembru 2012[25], ma ssemmix li sar xogħol ieħor,

[24] Fol 7
[25] Fol 6

kuntrarjament għal dak premess minnha.

**35.** Fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha[26], tgħid illi għalkemm il-bokka infetħet kompletament fit-8 ta' Diċembru 2012, ix-xorok kienu qed jitkissru fil-jiem ta' qabel. Issa fir-rikors tal-appell tagħha, issostni li x-xogħol lamentat minnha sar bejn l-1 ta' Diċembru 2012 u s-7 ta' Diċembru 2012.

**36.** Iżda kif irriteniet ben tajjeb l-ewwel Qorti, mill-ittra tas-7 ta' Diċembru 2012 ma jirriżultax fiċ-ċert li l-aġir lamentat minnha seħħ mill-1 ta' Diċembru 2012 'il quddiem. Il-kliem "*f'dawn l-aħħar jiem*" u "*il-ġimgħa li għaddiet*" huma wisq vagi, u ma jeskludux li l-aġir seħħ fl-aħħar ta' Novembru 2012. Għaldaqstant, anke kieku l-aġir kien jikkonsisti fi tkissir tax-xorok, u anke kieku tali aġir sar mill-konvenuti jew minn xi ħadd inkarigat minnhom, (li kif fuq spjegat, ma jirriżultax) xorta waħda l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova li dan seħħ fix-xahrejn preċedenti għall-1 ta' Frar 2013.

**37.** Għaldaqstant, kellha raġun l-ewwel Qorti tikkonkludi li l-attriċi la rnexxielha tipprova l-element tal-*ispoliatum fuisse*, u daqstant ieħor ma rnexxilhiex tipprova l-element tal-*infra bimestre deduxisse*.

---

[26] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi fol 143-153

**<u>Decide</u>**

**38.** Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-attriċi u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ld